# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru: 108/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Omissis**

**Philip Camilleri**

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Philip Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija 75780M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. Fit-3 ta' Lulju 2006 ghal habta tal-5.30 ta' wara nofsinhar fil-Belt Valletta, ikkommetta reat ta' serq aggravat bil-vjolenza fejn sehhew feriti ta' natura gravissima, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, liema reat sehh flimkien ma' sekwestru ta' persuna;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Dr Tonio Azzopardi, LL.D;
3. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-vjolenza gieghel lil Dr Tonio Azzopardi LL.D., jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu;
4. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dr Tonio Azzopardi LL.D. kontra l-volonta' tieghu;
5. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jipretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu, lil Dr Tonio Azzopardi LL.D. ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixxklu fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjgu;
6. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid, gieghel ufficjal pubbliku u cioe' lil Dr Tonio Azzopardi LL.D. li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga tieghu;
7. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Dr Tonio Azzopardi LL.D., persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
8. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2015 li biha sabet lill-appellant hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 85, 86, 87(1)( c), 214, 216(1)(a)(ii), 91, 92, 95, 251(1) u 325(c) tal-Kap 9 u wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal- Kap 9 ikkundannatu ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi. Inoltre kkundannatu jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf, erba' mija u seba' u ghoxrin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1427.84) fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Camilleri prezentat fid-9 ta' Marzu, 2015 li bih talab lil din il-qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li nghatat fil-25 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet premessi fejn sabet lill-imputat mhux hati u lliberatu minn dawk l-akkuzi u tirrevoka f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tar-rimanenti akkuzi u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija; jew jekk kemm –il darba jidhrilha li ghandha tikkonferma htija tipprovdi ghal piena miti u idonea fic-cirkostanzi salv kull provediment xieraq u opportun.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu lura ghat-3 ta' Lulju, 2006 meta l-imputat appellant u missieru kienu accedew fl-ufficcju tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi waqt li kien qed jara xi nies, dahlu fuqu u allegatament sawtuh u gieghluh jikteb *cheque* f'isem wiehed minnhom fl-ammont ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltin. Dottor Azzopardi jallega illi kawza ta' dan, apparti l-offizi l-ohra li sofra fuq il-persuna tieghu, sofra ukoll offiza gravissima konsistenti f'riduzzjoni tal-kapacita' ta' smiegh minn widnejh il-leminija kawza ta' perforazzjoni tat-tambur tal-istess widna;

2. Il-verzjoni avvanzata mill-appellant hija wahda differenti fis-sens illi kien Dottor Azzopardi li agredixxa u sawwat lill-appellant meta, wara li kif mitlub, hejja dan ic-*cheque,* rrifjuta li jghaddiulhom, beda jghajjat u jaghti lill-appellant li sofra offiza permanenti f'wiehed minn subghajh u kellu jkun l-intervent tal-missier li qalghu minn taht l-aggressjoni ta' Dottor Azzopardi. Huma kienu ghalhekk qed jiddefendu ruhhom mill-aggressjoni tal-avukat;

3. L-imputati ma kienux klijenti ta' Dottor Azzopardi u lanqas ma marru ghandu biex jirrikorru ghas-servizzi professjonali tieghu. Il-konnessjoni ta' bejniethom kienet tramite mart missier l-appellant, li miet fil-mori tal-kawza, certu Joyce Camilleri, rapprezentata minn Dottor Azzopardi bhala avukat tal-ghajnuna legali f'kawza kontra l-istess missier sussegwenti kwistjoni ta' separazzjoni personali;

4. Jidher illi l-appellant kien tal-ferma konvinzjoni illi Dottor Azzopardi kien qed jirrifjuta li ghaddi l-ammont sekwestrat mill-beni tal-missier lill-omm l-appellant izda, skond l-istess, dan ma setghax isehh ghar-ragunijiet dovuti ghall-omm u li ma setghux

jifhmu l-imputati. Id-difiza kienet resqet bhala wahda mill-linji difensjonali taghha li Dottor Azzopardi kien zamm ghalih bhala drittijiet professjonali ammont ta' flus minn dak sekwestrat meta ma setghax jaghmel hekk la darba kien qed jippresta s-servizzi tieghu lill-omm bhala avukat tal-ghajnuna legali. Fid-decizzjoni taghha, l-ewwel Qorti korrettament ddecidiet li ma tidholx f'dak il-mertu. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dan ir-ragunament u mhi ser taghmel ebda konsiderazzjoni in rigward;

5. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jallega li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament kompletament skorrett tal-provi minn fejn jirrizultaw zewg verzjonijiet, dik kif rakkontata mill-kwerelant u dik moghtija mill-appellant fl-istqarrija tieghu u li dan il-konflitt kellu jwassal ghal-liberazzjoni tal-appellant. Issa, kif kostantement ritenut minn din il-Qorti, meta l-aggravju huwa dwar apprezzament zbaljat tal-provi, dak li trid taghmel il-Qorti hu li tezamina l-provi kollha mhux biex tiddeciedi l-kwistjoni hi mill-gdid, izda biex tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

6. Il-Qorti ezaminat l-atti kollha fid-dettall minn fejn jemergi illi kien hemm zewg verzjonijiet ghal dan l-incident kif tajjeb irrileva l-abbli difensur tal-appellant. Tirrizulta ukoll diskrepanza bejn dak li xehedu iz-zewg persuni li kienu fl-ufficcju ta' Dottor Azzopardi, li wahda minnhom biss kienet klijenta tieghu, liema diskrepanza hi, fil-fehma ta' din il-Qorti, ta' mportanza zghira u hija komprensibbli tenut li dawn iz-zewg persuni assistew ghal-xena xejn felici fejn l-imputati dahlu f'dan l-ufficcju minghajr ma kienu mistiedna u meta wahda tghid li Dr. Azzopardi inghata daqqa ta' ponn go wiccu u l-iehor jghid il-kontra, hargu minn hemm ghaliex kellhom it-tfal qed jistennew fil-kurudur;

7. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-gravam tal-appellant ghaliex wara qari akkurat tal-atti huwa bil-wisq evidenti li l-ewwel Qorti ezaminat il-provi kollha b'mod dettaljat u li dan l-ezami jinsab rifless fl-istesura tas-sentenza taghha, tant illi rassenja mill-gdid tal-fatti minn din il-Qorti tkun inutili u ma tiswa ghal xejn ghajr ripetizzjoni ta' dak osservat mill-ewwel Qorti. Issa, kwantu l-konflitt fil-provi, din il-Qorti hija gwidata mill-insenjament emergenti mis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Thorne – App Krim 9/07/03 li ghaliha ghamel referenza l-abbli difensur tal-appellant kif ukoll dik fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino et Qorti Krim 19/10/2006. Ezaminati l-atti minn din l-ottika ma hemm xejn x'jiddimostra li l-konflitt fil-provi kien tali li l-ewwel Qorti kellha tiskarta ghal kollox x-xhieda tal-kwerelant favur il-verzjoni tad-difiza. Hija l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi dik tal-ewwel grad qabilha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni illi l-verzjoni tal-kwerelant kienet aktar attendibbli u korroborata mill-assjem tal-provi. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud;

8. Fit-tieni gravam tieghu, l-appellant jallega li mhux minnu li Dr. Azzopardi ssubixxa "ferita" [*recte*: offiza] ta' natura gravi u li "*se mai*" dik taqa "fir-realm ta' feriti hfief". L-appellant itenni li t-telf ta' smiegh minnu lamentat kien dovut ghal incident li sehh snin qabel u li ghalhekk ma kienx onest u veritier mal-Qorti li kellha ccanfru u tiehu dawk il-passi opportuni kontra tieghu. Anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak allegat mill-appellant. Fl-ewwel lok, l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-*in genere*, kkonferma li kien ikkonstata perforazzjoni fil-widna l-leminija ta' Dr. Azzopardi b'konsegwenzjali smigh ridott (fol 183).

Il-konsulent Dr. Anthony Grixti Soler, nominat bhala espert mill-ewwel Qorti u li ezamina lill-Dr. Azzopardi fi zmien sew wara l-incident, irrelata li din il-perforazzjoni kienet ghalqet izda s-smigh baqa' fil-livell baxx (fol 222 u 375). Inoltre, Dr. Azzopardi stess kien spjega illi lura fis-sena 1984 kellu incident fejn sofra perforazzjoni tat-tambur tal-widna ix-xellugija li rrizultat f'nuqqas ta' smigh minn dik il-widna. Rizultati tat-testijiet tal-widna tal-lemin juri ghas-sodisfazzjon tal-espert tal-Qorti illi fl-1984 is-smiegh mill-widna tal-lemin kien wiehed normali. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant qed jallega dan kollu fil-konfront tal-kwerelant;

9. Illi fl-istess aggravju, l-appellant jikritika s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn si tratta tal-offiza sofferta minnu konsistenti fi qtuh ta' tendon ta' wiehed mis-swaba [*mallet finger* skond ix-xhieda ta' Dr. Stephen Muscat u li skond Prof. Carmel Sciberras kienet tissarraf f'dizabilita ta' wiehed fil-mija – ara fol 413 *et. seq* u 422 *et. seq*]. Skond l-appellant, dan huwa indikattiv li huwa ddefenda ruhu mill-aggressjoni ta' Dr. Azzopardi li dak il-hin kien irrabjat hafna. Dwar dan izda, jinghad illi din il-Qorti gia pronunzjat ruhha dwar li ma rriskontrat ebda raguni li turi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta emmnet il-verzjoni tal-fatti skond kif rakkontati minn Dr. Azzopardi u ghalhekk ma hemmx lok li jerga jkun diskuss dan il-punt;

10. It-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni li bi vjolenza gieghel lil Dr. Azzopardi jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, igifieri dik ravvizata fl-artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali, l-appellant jghid li ma kienx pruvat li hu qabad idejn Dr. Azzopardi u gieghlu jikteb ic-*cheque* u li kien dan tal-

ahhar li offra li jikteb l-istess u wara ftit biddel fehmtu li jikkonsenjah lill-imputat. Dan l-aggravju izda jirrazzenta l-fierah ghaliex l-artikolu 251(1) jitkellem dwar vjolenza, inkluza vjolenza morali u jew psikologika, u jew, sfurzar fejn allura kien pruvat ghas-sodisfazzjon tal-ewwel Qorti illi Dr. Azzopardi kiteb dan ic-*cheque* wara li qala' dawk id-daqqiet kollha minghand l-imputat u missieru tant li l-istess missier kellu jwaqqaf lill-ibnu minn dik l-aggressjoni. Inoltre il-kelma vjolenza, mhix ristretta ghall-dak li jirritjeni l-imputat, igifieri li wiehed jaqbad id haddiehor, f'dan il-kaz, biex jikteb *cheque*. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

11. L-istess jinghad ghall-gravam dwar ir-raba' imputazzjoni, dik tal-arrest, zamma jew sekwestru illegali tal-persuna kif ravvizata fl-artikolu 86 u 87(1) (c) tal-Kodici Kriminali. Anke hawn, altru li kienet korretta l-ewwel Qorti sia fl-interpretazzjoni tal-ligi kif ukoll tal-fatti meta ddecidiet li kienu jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat. Meta l-imputati dahlu ghall-gharrieda u mhux mistiedna minn Dr. Azzopardi, huma dahlu wara l-iskrivanija tieghu, bdew ituh bil-ponn, nizel fuq irkuptejh u baqghu ituh sakemm fl-ahhar ddecieda li jikteb ic-*cheque*. Huwa xehed li ma hallewhx jitlaq mill-ufficcju u telqu biss wara li hadu dak li riedu minghandu. Dak il-mument li fih Dr. Azzopardi kien mizmum milli jitlaq b'dimostrazzjoni ta' x'kienu kapaci jaghmlulu f'kaz li jittanta jahrab gia jissosdisfa l-elementi tar-reat kif tajjeb rriteniet l-ewwel Qorti bl-iccitar korrett dak li jghallem il-Prof. Sir Anthony Mamo f'Notes on Criminal Law u il-kummenti tal-Maino dwar l-artikolu 146 tal-Kodici Taljan kif rifless fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali taghna. Fil-mument tal-aggressjoni Dr. Azzopardi tqieghed f'posizzjoni li ma setghax liberament jitlaq mill-ufficcju tieghu tant li baqa' f'din is-sitwazzjoni sakemm l-imputati telqu bic-*cheque* f'idejhom. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

12. Fil-hames aggravju, l-appellant iressaq l-argument illi l-hames imputazzjoni, dik ta' ezercizzju ta' dritt pretiz, qatt ma setghet tirrizulta. Din l-imputazzjoni tirreferi ghal dak li hemm ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ossia l-hekk imsejha *ragion fattasi*. L-elementi ta' dan ir-reat huma llum ben definiti fil-gurisprudenza taghna u l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Michael Lungaro tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Marzu, 2003. L-appellant ghandu ragun dwar dan l-aggravju ghaliex, ghalkemm jista' jitqies li hemm somiljanza bejn in-natura tar-reat ravvizat fl-artikolu 85 u l-fatti in disamina, dak li skond Dr. Azzopardi ghamlu l-imputati kien li sfurzawh itihom dak li ma kienx jappartjeni lilhom. Huma ghalhekk mhux li hadu oggett li kienu jemmnu li jappartjeni lilhom u li kellhom id-dritt li jiehduh u li kienu qed jaghmlu dak li hu rizervat li jsir permezz tal-awtortiajiet. Il-Qorti ma tarax li hu mehtieg li tiddiskuti l-elementi ta' dan ir-reat ghaliex fil-fehma taghha, l-allegata azzjoni tal-imputati tinkwadra sia fit-tielet imputazzjoni kif ukoll fis-sitt imputazzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun akkolt;

13. Fis-sitt aggravju rigwardanti is-sitt imputazzjoni, l-appellant iressaq l-argument illi li tmur ghand avukat u titolbu jroddlok lura flusek ma jista' qatt jirrizulta r-reat li dwaru ukoll instabet htija. L-ewwel Qorti sabet hitja fl-appellant talli bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficcjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu. Din il-Qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-appellant u zzid li huwa, anzi, ferm u ferm perikoluz. Kull min ghandu ghaliex jemmen li avukat huwa obligat li jrodd flus jew hwejjeg minzmuma ghandu in forza tal-professjoni tieghu ma ghandu qatt jirrikorri ghall mezzi adoperati mill-imputat appellant. Il-Qorti taqbel illi ma hemm xejn illecitu li wiehed jitlob

ghar-radd ta' haga li jemmen li tappartjeni lilu, izda, meta d-detentur tal-oggett jirrifjuta, sia ghaliex ikun hemm raguni valida sia jekk le, il-parti ghandha tirrikorri ghal dawk il-mezzi civili li jistghu jobligaw lid-detentur ikun adempjenti. Il-Qorti ma tarax kif l-argument mressaq mill-appellant jista' qatt ikun konsiderat b'success favur tieghu u tqis li l-prova tal-elementi tar-reat ravvizat fl-artikolu 91 tal-Kodici Kriminali kienet debitament skontata. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

14. L-appellant jikritika ukoll is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn din sabitu hati tas-seba' imputazzjoni rigwardanti ingurja, theddid jew offiza fuq il-persuna tal-kwerelant li kienet persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, ossia dik ravvizata fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali (kif vigenti qabel l-emendi bl-Att V tal-2014). L-appellant iressaq l-argument illi l-uniku theddid li seta sar kien l-allegat diskors li jekk ic-cheque ma jissarrafx, kien ser jirritorna fid-dar ta' Dr. Azzopardi, itih zewg tiri u jispiccah. Huwa jikkontendi li dak id-diskors ma semghu hadd u li l-klijenta ta' Dr. Azzopardi li kienet fl-ufficcju meta dahlu l-imputati ma ssemmix dan id-diskors. Jirrizulta lil din il-Qorti, izda, li l-klijenta ta' Dr. Azzopardi u l-persuna l-ohra kienu hargu mill-ufficcju appena l-imputati dahlu bil-mod kif dahlu fl-ufficcju u ghalhekk ma assistewx ghall-inkontru kollu kemm hu. Inoltre, l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni ta' Dr. Azzopardi anke f'dan l-aspett u l-fatt li l-appellant ma kienx mistoqsi dwarha waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu m'ghandux b'daqshekk biss ifisser li dak id-dikors qatt ma ntqal;

15. Dwar din l-imputazzjoni, l-appellant jargumenta ukoll illi Dr. Azzopardi ma huwiex Ufficcjal Pubbliku fit-termini tal-artikolu 95. Issa l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 92 fit-tifsira tal-

kliem "Ufficcjal Pubbliku" li jipprovdi li din il-frazi tinkludi "*wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju, kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra".* Dr. Azzopardi kien mahtur mill-Qorti bhala avukat tal-ghajnuna legali sabiex jassisti lill-Joyce Camilleri fi kwistjoni legali kontra terzi li f'dan il-kaz habat li kien wiehed mill-imputati, huwa hekk mahtur fil-vesti privata tieghu izda mhallas mill-Istat biex jaqdi dik il-funzjoni u dan jirrientra fit-tifsira moghtija fl-artikolu 92 fil-konfront ta' dik il-kwistjoni, bejn dawk il-persuni u f'dak il-mument partikolari. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mar-ragunament tal-appellant;

16. Il-Qorti ezaminat ukoll l-ilment tal-appellant kif postulat fit-tmien aggravju rigwardanti t-tmien imputazzjoni dwar il-hsara volontarja. L-ewwel Qorti kkonkludiet li ma ngiebitx il-prova tal-ispejjez u valur tal-hsarat kollha allegatament subiti minn Dr. Azzopardi. Accettat pero' l-hsara fit-"T-Shirt" u fil-flokk ta' taht tal-kwerelanti li hu kwantifika bhala ghoxrin lira Maltin u zewg liri Maltin rispettivament stante minnha konstatati. L-ewwel Qorti kienet korretta f'din id-decizzjoni u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

17. Fl-aggravju li jsegwi, l-appellant iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni dwar l-aspett ta' htija kollettiva fuq l- imputati. Huwa jirritjeni illi "*sabiex tirnexxi kull wahda minn l-akkuzi kontra l-esponenti, l-Ewwel Qorti kellha tislet u tidentifika x'ghamel l-esponent f'dan l-incident u x'ghamel missieru llum mejjet. Illi meta si tratta ghal sejbien ta' htija minn habba xi allegata hsara fil-gisem, irid jigi pruvat li kien l-esponent li*

*ghamel xi ferita* [*recte*: offiza]. *Il-fatt li l-Avukat Azzopardi kellu xi feriti ma jfissirx awtomatikament li kien l-esponenti li ghamilhom in kwantu huwa ma kienx wahda* [wahdu] . *Prova wahda li hija wahda li tiddistingwi lill-esponenti ma tezistix fil-process u ghalhekk b'kull rispett qatt ma setghet tigi misjuba htija*".

18. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti huwa bil-wisq evidenti illi kull fejn sabet htija, il-qorti rriferiet ghall-imputat Philip Camilleri li identifikat minnha bhala *Junior.* Dan ifisser illi hadet kont tal-artikolu 45(c) tal-Kodici Kriminali kull fejn applikabbli u ghalhekk mghandux ragun l-appellant f'dan l-ilment;

19. L-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti u jillanja l-istess bil-gravami li din hija wahda esagerata. Huwa ghandu fedina penali relattivament nadifa salv ghal reat ta' portata zghira fejn instab hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa u ghalhekk ghandu jitqies bhala first time offender. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt li ftit jiem biss qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, l-appellant esebixxa nota b'certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib kuranti tieghu li in konkluzzjoni ddikjara li l-appellant m'ghandux ikun inkarcerat. Kif qal l-abbli difensur tal-appellant, izda, dan ic-certifikat ma ghandu l-ebda valur akkademiku u ghalhekk ser ikun skartat minn din il-Qorti;

20. Kwantu dan l-aggravju, Dr. Azzopradi stess stqarr a fol 429 tal-atti processwali, li ma jiehux pjacir jara lill-imputat imur il-habs. Din il-qorti terga' taghmel referenza ghal dak wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna li qua Qorti ta' appell ma tiddisurbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx dimostrat li ma kienitx fil-parametri tal-ligi u li kellha tkun anqas jew aktar, f'kaz ta' appell tal-avukat generali. Illum ssir referenza

ukoll ghall-principju ta' proporzjonalita emergenti mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti izda, ghad li hemm lok ghal temperament fil-piena stante li kienu akkolti l-aggravji dwar tnejn mill-imputazzjonijiet, hi tal-fehma li l-piena ghandha tirrifletti is-serjeta' tal-kaz, it-trauma li halliet fuq il-vittma u l-konsegwenzi tal-offiza li sofra konsisteni f'nuqqas ta' smigh ghall-kemm jibqa' haj;

21. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata kull fejn sabet lill-appellant mhux hati; tirrevokaha kwantu sabet lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni u minnha tilliberah u tikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija kull fejn tidher fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

22. Konsegwentement qed tillibera lill-imputat ukoll mill-hames imputazzjoni;

23. Kwantu ghal-piena, wara li hadet qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-liberazzjoni mill-hames imputazzjoni permezz ta' din is-sentenza, kif ukoll it-trapass ta' zmien qed thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha kkundannat lill-appellant ghal terminu ta' prigunerija ta' erba' snin u minflok tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' tlett snin u tikkonfermaha fil-bqija hlief fejn altrimenti mibdul b'din is-sentenza.